**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tat-22 ta' Marzu, 2001.**

**Citazz. Nru. 2106/96CFS**

**Korporazzjoni Telemalta u**
**b'digriet tat-18 ta' Mejju**
**1998 Maltacom p.l.c.**
**vs**
**Joseph Ebejer**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha il-korporazzjoni attrici ppremettiet illi, fuq talba tal-konvenut, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 372431 fil-fond Madonna tal-Karmnu, Triq il-Ghajn, Swieqi u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe' kopja fotostatika awtentika tas-'service agreement' ezistenti bejn il-partijiet;

Permess illi skond l'istess 'service agreement' il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

Permess illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta' Lm583.81 (hames mija u tlieta u tmenin lira maltin u wiehed u tmenin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls) lokali u 'overseas', kera tal-linja, ghall-xoghol 'extra' u 'installation charges' in konnesjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness 'statement' immarkat bhala Dokument B;

Premess ukoll illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Talbet li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici is-somma ta' Lm583.81 (hames mija u tlieta u tmenin lira maltin u wiehed u tmenin centenzmu) dovuta ghall-uzu (pulses/calls) lokali u 'overseas', kera tal-linja, xoghol 'extra' u 'installation charges' in konnesjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 372431 liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicemnbru, 1995, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci.

Semghet l-Avukat ta’ l-attur.

Rat illi l-P.L. Noel Scerri kkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghandu ma thallasx.  Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm583.81 (hames mija u tlieta u tmenin lira maltin u wiehed u tmenin centenzmu).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.